# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. ROBERT G. MANGION

## 16 TA' MEJJU 2022

**Rikors Revoka 287/2022 RGM**

**Rikors Revoka fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Numru 397/2018 wara l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni numru 648/2018 fl-ismijiet:**

**Carmelo Sammut pro et noe**

**Vs**

**Francis Pace et noe**

**Il-Qorti:**

Dan hu digriet finali dwar rikors intavolat fl-1 ta' April 2022 mir-rikorrenti Francis Pace, Rita Pace, Dianco Company Limited, Charles Pace, Maria Isabella Pace u L.F. Holdings Ltd li permezz tiegħu, għar-ragunijiet hemm mogħtija, qed jitolbu (1) it-tħassir tal-mandat ta' inibizzjoni numru 648/18; (2) il-ħruġ tal-kontro-mandat relattiv; u (3) ordni lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili sabiex ma jirrilaxxja ebda flejjes miċ-ċedoli depożitati fl-ismijiet premessi sakemm ma jkun hemm deċiżjoni finali fil-kawża nru 397/2018RGM.

B'risposta tat-18 ta' April 2022 Carmelo Sammut pro et nomine, qed jopponi, għar-raġunijiet minnu hemm mogħtija, għar-rikors mertu ta' din id-deċiżżjoni.

Il-Qorti appuntat ir-rikors għas-smiegħ għas-seduta tas-26 ta' April 2022 fejn semgħat lill-avukati tal-partijiet jitrattaw u ħalliet ir-rikors għad-digriet finali.

Ikkonsidrat;

**Fatt Rilevanti.**

Bejn il-partijiet hemm kawża pendenti fl-ismijiet "Carmelo Sammut f'ismu proprjeu u għan-nom ta' Charlie Properties Limited vs Francis Pace, Rita Pace, f'isimhom proprju u għan-nom ta' Dianco Company Limited, u Charles Pace u Maria Isabelle Pace f'isimhom proprju u għan-nom ta' L.F. Holdings Limited

li permezz tagħha l-attur proprio et nomine qed jitlob (1) li Francis u Rita konjugi Pace proprio et nomine jiġu kkundannati jħallsu s-somma ta' €84,178 oltre l-imghax legali , (2) Charles u Maria Isabelle Pace proprio et nomine jiġu kkundannati jħallsu s-somma ta' €216,316.00; (3) fil-konfront tal-konvenuti kollha likwidazzjoni ta' kumpens dovut rigward xogħolijiet u servizzi allegatament magħmula mill-attur pro et noe a benefiċċju tal-konvenuti.

In kawtela tal-pretensjonijiet tiegħu l-intimat pro et noe talab u ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 681/2018 kontra r-rikorrenti bis-sorti indikat bħala sitt mitt elf, erba' mija u erbgħa u disgħin ewro (€600,494.00) maqsum fi tliet partijiet, (i) €84,178.00 kontra Francis Pace, Rita Pace u Dianco Limited; (ii) €216,316.00 kontra Charles Pace, Maria Isabella Pace u L.F. Holdings Limited; u (iii) €300,000 kontra l-konvenuti sekwestrati kollha.

Kontestwalment l-intimat ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni nru. 648/18 għall-istess ammont ta' sitt mitt elf, erba' mija u erbgħa u disgħin ewro (€600,494.00) li permezz tiegħu il-Qorti ordnat li r-rikorrenti jiġu miżmuma milli jiddisponu jew jitrasferixxu taħt kwalunkwe titolu diversi proprjetajiet immobiljari hemm elenkati. Skond ir-rikorenti dawn l-immobbli għandhom valur komplessiv ta' ħdax-il minjun, ħames mija u sitta u għoxrin ewro (€11,526,000).

Permezz ta' numru ta' ċedoli ta' depożitu b'konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 681/2018 **ġew depożitati taħt l-awtorita' tal-**

**Qorti diversi ammonti li komplessivament jammontaw għal €623,173.80** li minnhom €101,881.00 huma fondi ta' Francis Pace, €43,148.70 huma ta' Rita Pace, €38,726.96 huma ta' Maria Isabelle Pace, € €22,400.96 huma ta' Charles Pace, €365,394.66 huma ta' L.F. Holdings Limited, €15,399.46 huma ta' Dianco Limited u €46,500.00 jappartjenu nofshom lis-sekwestrant u nofshom lis-sekwestrati.

Fl-10 ta' Marzu 2022 ir-rikorrenti proprio et nomine kollha deheru fuq kuntratt pubbliku in atti Nutar Robert Micallef li permezz tiegħu, wara li għamlu referenza għall-kawża istitwita kontra tagħhom u għall-mandati kawtelatorji, kif ukoll għad-diversi ċedoli ta' depożitu komplessivaent ammontanti għal €603,830.52, iddikjaraw illi:

> "... bis-saħħa ta' dana l-att jiddikjaraw illi l-ħsieb u l-intenzjoni tagħhom kienet gia sa mill-bidu meta sar id-Depożitu illi huma jkunu qeghdin jaghmlu tali Depozitu b'mod solidali bejniethom u illi għalhekk, prezenzjalment u bis-sahha ta' dana l-att, il-komparenti partijiet hawn fuq imsemmija u cioe' Francis Pace u Rita Pace, konjugi Pace proprio et nomine f'isem Dianco Company Limited u Charles Pace proprio u kif uikoll Dottor Mirabelle sive Mary-Isabelle Pace proprio et nomine f'isem L.F. Holdings Limted qeghdin jiddikjarw illi kwalunkwe tali Depozitu minnhom mwettaq in garanzija u in kawtela tal-pretensjonijiet ta' Carmelo Sammut u Charlie Properties Limited riferibbli għall-Mandat

> huma in solidum bejniethom fis-sens illi l-istess Francis Pace u Rita Pace konjugi Pace, Dianco Company Limited, Charles Pace, Mirabelle sive Mary-Isabella Pace proprio u LF Holdings Limited qeghdin jikkostitwixxu lilhom nfushom bhala garanti solidali ta' xulxin fil-konfront ta' Carmelo Sammut u Charlie Properties Limited dwar il-Mandat hawn fuq citat u dan sabiex jissodisfaw it-talbiet tal-imsemmi Carmelo Sammut u Charlie Properties Limited."

L-intimat pro et noe jilqa' għal dan ir-rikors billi jissottometti illi l-mandat għandu jibqa' fis-seħħ peress li jekk il-Qorti tikkanonizza kreditu kontra uħud mill-konvenuti filwaqt li tillibera lill-kumplament tal-konvenuti, il-flus depożitati appartenenti lil dawk eventwalment liberati ma jagħmlux tajjeb għall-kreditu kanonizzat.

Dwar il-kuntratt ta' garanzija solidali l-intimat pro et noe jargumenta illi tali kuntratt huwa għalih *res inter alios acta,* li kif ġie ppubblikat jista' wkoll jiġi rexxiss pendenti l-eżitu finali tal-kawża mingħajr l-għarfien jew il-kunsens tiegħu. Jissottometti wkoll illi una volta huwa mhux parti fuq dak il-kuntratt, fl-eventwalita' li jirbaħ il-kawża huwa ma jkunx jista jenforza dak il-kuntratt ta' garanzija solidali. Josserva wkoll illi m nġabet l-ebda prova illi dak il-kuntratt ġie insinwat.

Ukoll l-intimat jilqa' għal dan ir-rikors billi jissottometti illi r-rikorrenti ġia għamlu mingħajr suċċess tlett tentativi oħra sabiex il-mandati kawtelatorji ta' sekwestru u ta' inibizzjoni jiġu revokati u li fil-frattemp ma kien hemm ebda

bdil ta' ċirkostanzi. Isostni wkoll illi r-rikors għandu jiġi miċħud għaliex ir-rikorrenti naqsu milli jindikaw taħt liema provvediment tal-Artikolu 836 tal-Kap 12 qegħdin jitolbu r-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Huwa minnu dak sottomess mill-intimat illi fit-talba mressqa lejn l-aħħar tar-rikors ir-rikorrenti jirreferu għall-Artikolu 836 tal-Kap mingħajr ma jispeċifikaw taħt liema sub inċiż jew sub inċiżi qed isejsu r-rikors tagħhom, pero' mill-qari tar-rikors joħroġ car illi t-talba hija msejsa fuq (i) Artikolu 836 (1) (c) peress li jikkontendu li hemm garanzija xierqa u jagħmlu referenza speċifika għall-artikolu 836 (1) (c)[1] u (ii) fuq Artikolu 836 (1) (f) peress li s-sottomissjonijiet fir-rigward jinsabu taħt it-titolu "Fiċ-ċirkostanzi ma huwiex raġonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu" olre li jagħmlu referenza speċifika għall-artikolu 836 (1) (f)[2]

**Artikolu 836 (1) (c)**

> (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih

---

[1] Ara l-ħames paragrafu f'paġna 3 tal-proċess

[2] Ara t-tielet paragrafu f'paġna 6 tal-proċess

jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

[...]

(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni;"

Huwa minnu illi b'effett tas-sekwestru kawtelatorju numru 681/18 ġiet depożitata s-somma komplessiva ta' €600,257.95, pero' kif spjegat aktar qabel dan l-ammont ma jappartjeniex fit-totalita' tiegħu lis-sekwestrati kollha. Għalhekk hija valida s-sottomissjoni tal-intimat illi għalkemm din is-somma tkopri s-sorti kollha indikata fil-mandat, fl-istess ħin mhux neċessarjament tikwalifika bħala kawtela adegwata għaliex kollox jiddependi mill-eżitu tal-kawża speċjalment fl-eventwalita' li mhux il-konvenuti kollha jinstabu responsabbli għall-pretensjonijiet tas-sekwestrant proprio et nomine.

Dwar il-kuntratt ta' garanzija solidali li r-rikorrenti proprio et nomine għamlu lil xulxin permezz ta' kuntratt pubblika, is-sottomissjoni tal-intimat illi una volta huwa ma kienx parteċipi fuq dak il-kuntratt allura r-rikorrenti huma liberi li meta jridu jirrexxindu l-istess kuntratt, hija sottomissjoni fondata. Xejn ma jżomm lir-rikorrenti proprio et nomine milli jirrexxindu dak il-kuntratt mingħajr il-ħtieġa ta' kunsens da parti tal-intimat.

Kien ikun aħjar għar-rikorrenti kieku bla preġudizzju għall-pretensjonijiet reċiproċi u tenut kont tal-garanzija solidali li kollha lesti u jridu jagħtu lil xulxin fil-konfront tal-pretensjonijiet tal-intimati illi esploraw bejn il-partijiet kollha kif bis-somma depożitata taħt l-awtorita' tal-Qorti setgħat tinġieb garanzija xierqa fil-konfront tal-pretensjonijiet kollha.

Il-Qorti tqis illi l-kuntratt pubbliku dwar garanzija solidali ma jissodisfax ir-rekwiżit ta' garanzija xierqa għar-raġunijiet fuq spjegati.

Jekk kif jallegaw l-istess rikorrenti huma kellhom mill-bidunett l-intenzjoni illi jkunu garanti solidali ta' xulxin fil-konfront tal-pretensjonijiet kollha tal-intimati, ma jagħtu l-ebda spjegazzjoni għaliex appena inħareġ il-mandat ma għamlux tentativ sabiex tinħareġ garanzija bankajra bil-fondi sekwestrati qabel ma ġew depożitati.

**Artikolu 836 (1) (f) tal-Kap. 12.**

Dwar il-proprjeta' immobiljari li skond ir-rikorrenti tista' tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tas-sekwestranti, issir referenza ghall-provvedimenmt finali mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta fuq talba simili għar-revoka tal-mandat imsejsa fuq il-pretensjoni illi l-immobbli indikat mir-rikorrenti joffru garanzija xierqa. B'digriet mogħti fit-30 ta' Lulju 2018 dik it-talba ġiet miċħuda għaliex ir-rikorrenti, l-istess rikorrenti fir-rikors revoka odjern, naqsu milli jippreżentaw ir-riċerki dwar l-immobbli sabiex il-Qorti tkun tista' tevalwa id-differenza bejn l-attiv u l-passiv.

Illum, kważi erba' snin wara, l-istess rikorrenti naqsu għal darb oħra milli jippreżentaw ir-riċerki sabiex isiru l-konstatazzjonijiet neċessarji jekk l-immobbli jisgħux jiġu kkunsidrati bħala garanzija xierqa għall-finijiet tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tqis illi r-rikorrenti ma seħħilhomx juru sodisfaċentment illi mhux raġonevoli li l-mandat ta' inibizzjoni jinżamm fis-seħħ. Konsegwentement issib illi ma tirriżultax fondata it-talba tar-rikorrenti taħt l-Artikolu 836 (1) (f) tal-Kap. 12.

**Decide.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors ta' Francis Pace et tal-1 ta' April 2022 billi tiċħdu.**

**Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.**

**Mogħti llum 16 ta' Mejju 2022.**

**Robert G. Mangion**

**Imħallef**